



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali*

---

**2011/2276(INI)**

31.5.2012

# **EMENDI**

## **1 - 22**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Evelyn Regner**  
(PE483.487v01-00)

It-18-il rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet – Applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità  
COM(2011)0344

AM\903684MT.doc

PE489.717v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

AM\_Com\_NonLegOpinion

**Emenda 1**  
**Andrew Duff**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 1**

*Abbozz ta' opinjoni*

1. *jissuġġerixxi li l-linji gwida fil-Protokoll 30 għat-Trattat ta' Amsterdam dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità għall-monitoraġġ ta' dawn il-prinċipji, jiġu mfakkra b'mod xieraq lill-istituzzjonijiet involuti fil-leġiżlazzjoni, sabiex tiġi promossa l-applikazzjoni korretta tagħhom;*

*Emenda*

1. *jioproponi li l-Ftehim Interistituzzjonali dwar regolamentazzjoni aħjar tal-2003 għandu jiġi nnegożjat mill-ġdid biex jirrifletti t-Trattat ta' Lisbona u l-bidliet prattiċi li saru minn dak iż-żmien fil-proċeduri leġiżlattivi;*

Or. en

**Emenda 2**  
**Paulo Rangel**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 1**

*Abbozz ta' opinjoni*

1. *Jissuġġerixxi li l-linji gwida fil-Protokoll 30 għat-Trattat ta' Amsterdam dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità għall-monitoraġġ ta' dawn il-prinċipji, jiġu mfakkra b'mod xieraq lill-istituzzjonijiet involuti fil-leġiżlazzjoni, sabiex tiġi promossa l-applikazzjoni korretta tagħhom;*

*Emenda*

1. *Jissuġġerixxi li l-istituzzjonijiet involuti fil-leġiżlazzjoni għandhom jiġu mfakkra fil-ħtieġa li jiżguraw li l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità iridu jiġu applikati b'mod korrett skont il-Protokoll Nru 2 meħmuż mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;*

Or. pt

**Emenda 3**  
**Paulo Rangel**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 1a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

**1a. Jissuġġerixxi li jiġi valutat il-fatt jekk għandhomx jiġu stipulati kriterji xierqa, fil-livell tal-UE, għall-evalwazzjoni ta' konformità mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità;**

Or. pt

**Emenda 4**  
**Alexandra Thein**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 2**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

2. ifakkar li l-Unjoni tintervjeni biss fil-prinċipju tas-sussidjarjetà, jekk u sakemm l-għanijiet ta' miżura proposta jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni; ***jemmen li l-prinċipju msemmi, bħala kunċett dinamiku, pjuttost għandu jkun jista' wkoll jiġġustifika l-estensjoni tal-ħidma tal-Unjoni fil-qafas tal-kompetenzi tagħha;***

2. ifakkar li l-Unjoni tintervjeni biss fil-prinċipju tas-sussidjarjetà, jekk u sakemm l-għanijiet ta' miżura proposta jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni; ***f'dan il-kuntest jenfasizza wkoll, li l-prinċipju ta' sussidjarjetà ma japplikax biss għar-relazzjoni tal-Unjoni mal-Istati Membri, iżda jinkludi wkoll il-livell reġjonali jew lokali;***

Or. de

**Emenda 5**  
**Andrew Duff**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 2**

*Abbozz ta' opinjoni*

2. ifakkar li l-Unjoni tintervjeni biss fil-prinċipju tas-sussidjarjetà, jekk u sakemm l-għanijiet ta' miżura proposta jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni; ***jemmen li l-prinċipju msemmi, bħala kunċett dinamiku, pjuttost għandu jkun jista' wkoll jiġġustifika l-estensjoni tal-ħidma tal-Unjoni fil-qafas tal-kompetenzi tagħha;***

*Emenda*

2. ifakkar li l-Unjoni tintervjeni biss fil-prinċipju tas-sussidjarjetà ***barra l-oqsma ta' kompetenza esklussiva tagħha,*** jekk u sakemm l-għanijiet ta' miżura proposta jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni ***aktar milli fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali; ihegġegħ lill-Kummissjoni biex ittejjeb u tirregolarizza d-dikjarazzjonijiet li jiġġustifikaw l-inizjattivi leġiżlattivi tagħha fuq il-bażi ta' sussidjarjetà;***

Or. en

**Emenda 6**  
**Paulo Rangel**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 2**

*Abbozz ta' opinjoni*

2. Ifakkar li l-Unjoni tintervjeni biss fil-prinċipju tas-sussidjarjetà, jekk u sakemm ***l-għanijiet ta' miżura proposta jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni;*** jemmen li ***l-prinċipju msemmi, bħala kunċett dinamiku, pjuttost għandu jkun jista' wkoll jiġġustifika l-estensjoni tal-ħidma tal-Unjoni fil-qafas tal-kompetenzi tagħha;***

*Emenda*

2. Ifakkar li l-Unjoni tintervjeni biss fil-prinċipju tas-sussidjarjetà, ***f'oqsma li ma jaqgħux fil-kompetenza esklussiva tagħha,*** jekk u sakemm ***l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jilhq u l-objettivi b'mod suffiċjenti jew jekk, minħabba raġunijiet ta' skala jew effetti tal-azzjoni proposta, l-Unjoni tkun tista' tilħaqhom aħjar;*** jemmen li ***s-sussidjarjetà, bħala prinċipju legali objettiv assoċjat mal-kunċett ta' livell ta' azzjoni ottimali, jista' jwassal kemm għal estensjoni tal-ħidma tal-Unjoni fil-qafas tal-kompetenzi tagħha, meta ċ-ċirkostanzi jitolbu dan, u, min-naħa l-oħra, għal restrizzjoni jew limitazzjoni tal-azzjoni kkonċernata meta din ma tibqax ġustifikata;***

Or. pt

**Emenda 7**  
**Marietta Giannakou**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 2**

*Abbozz ta' opinjoni*

2. Ifakkar li l-Unjoni tintervjeni biss fil-prinċipju tas-sussidjarjetà, jekk u sakemm l-għanijiet ta' miżura proposta jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni; jemmen li l-prinċipju msemmi, bħala kunċett dinamiku, pjuttost għandu jkun jista' wkoll jiġġustifika l-estensjoni tal-ħidma tal-Unjoni fil-qafas tal-kompetenzi tagħha;

*Emenda*

2. Ifakkar li l-Unjoni tintervjeni biss fil-prinċipju tas-sussidjarjetà, jekk u sakemm l-għanijiet ta' miżura proposta jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni; jemmen li l-prinċipju msemmi, bħala kunċett dinamiku, pjuttost għandu jkun jista' wkoll jiġġustifika l-estensjoni tal-ħidma tal-Unjoni fil-qafas tal-kompetenzi tagħha; ***ifakkar li l-liġi amministrattiva tal-UE għandha tkun aġġustata u tiġi ssimplifikata sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi u regolatorji; jgħid li, f'dan il-kuntest, il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità għandhom jiġu applikati kif suppost;***

Or. el

**Emenda 8**  
**Andrew Duff**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 3**

*Abbozz ta' opinjoni*

***3. jikkunsidra li għandu jkun hemm distinzjoni bejn l-valutazzjoni ta' impatt u l-prinċipju tas-sussidjarjetà, peress li huma kunċetti differenti li jikkonċernaw kwistjonijiet differenti, fejn il-valutazzjoni tal-impatt tista' tiżvela “materjal” għall-analiżi tas-sussidjarjetà;***

*Emenda*

***imħassar***

Or. en

**Emenda 9**  
**Paulo Rangel**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 3**

*Abbozz ta' opinjoni*

3. Jikkunsidra *li għandu jkun hemm distinzjoni bejn l-valutazzjoni ta' impatt u l-prinċipju tas-sussidjarjetà, peress li huma kunċetti differenti li jikkonċernaw kwistjonijiet differenti, fejn il-valutazzjoni tal-impatt tista' tiżvela “materjal” għall-analiżi tas-sussidjarjetà;*

*Emenda*

3. Jikkunsidra *l-importanza kruċjali tal-valutazzjonijiet tal-impatt bħala strumenti li jgħinu fit-tehíd ta' deċiżjonijiet fil-proċess leġiżlattiv u jenfasizza l-ħtieġa, f'dan il-kuntest, li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil kwistjonijiet relatati mas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;*

Or. pt

**Emenda 10**  
**Paulo Rangel**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 3a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

3a. Jilqa' *l-involviment aktar mill-qrib tal-Parlamenti nazzjonali fil-proċess leġiżlattiv Ewropew, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskrutinju tal-proposti leġiżlattivi fid-dawl tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;*

*Emenda*

3a. Jilqa' *l-involviment aktar mill-qrib tal-Parlamenti nazzjonali fil-proċess leġiżlattiv Ewropew, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskrutinju tal-proposti leġiżlattivi fid-dawl tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;*

Or. pt

**Emenda 11**  
**Alexandra Thein**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4**

*Abbozz ta' opinjoni*

4. jikkunsidra li huwa xieraq li jkun analizzat jekk in-numru żgħir ta' opinjonijiet formali u raġunati tal-Parlamenti nazzjonali għas-sussidjarjetà ta' miżura, 34 fl-2010, huwiex dovut għall-fatt li l-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa rispettatt mill-partijiet kollha, jew inkella għall-fatt li l-Parlamenti nazzjonali ma jistgħux jinfurzaw dan il-prinċipju minħabba nuqqas ta' riżorsi; jikkunsidra, li analiżi mill-Kummissjoni Ewropea hija mixtieqa;

*Emenda*

4. jikkunsidra li huwa xieraq li jkun analizzat jekk in-numru żgħir ta' opinjonijiet formali u raġunati tal-Parlamenti nazzjonali għas-sussidjarjetà ta' miżura, 34 fl-2010, huwiex dovut għall-fatt li l-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa rispettatt mill-partijiet kollha, jew inkella għall-fatt li l-Parlamenti nazzjonali ma jistgħux jinfurzaw dan il-prinċipju minħabba nuqqas ta' riżorsi; ***jinnota li għall-ewwel darba f'Mejju 2012, għall-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz (COM 2012/130), ġew sodisfatti r-rekwiżiti tal-Artikolu 7(2) sentenza 1 tal-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità; f'dan il-kuntest, jistieden lill-Kummissjoni twettaq ir-reviżjoni mistennija tal-abbozz bl-akbar rispett fir-rigward tar-rieda espressa tal-Parlamenti nazzjonali, ladarba l-proċedura ta' kontroll għandha tiżgura deċiżjonijiet li huma possibbilment orjentati lejn iċ-ċittadini; jikkunsidra, li analiżi indipendenti f'isem il-Kummissjoni Ewropea hija mixtieqa, fejn għandu jiġi enfasizzat ukoll ir-rwol tal-Parlamenti reġjonali jew lokali fil-qasam ta' monitoraġġ ta' sussidjarjetà; f'dan il-kuntest, ifakkar bil-pjattaforma tal-internet IPEX iffinanzjata mill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali, li hija partikolarment utli fil-qasam tal-proċedura ta' monitoraġġ għall-iskambju ta' informazzjoni;***

Or. de

**Emenda 12**  
**Andrew Duff**



**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4**

*Abbozz ta' opinjoni*

**4. jikkunsidra li huwa xieraq li jkun analizzat jekk in-numru żgħir ta' opinjonijiet formali u raġunati tal-Parlamenti nazzjonali għas-sussidjarjetà ta' miżura, 34 fl-2010, huwiex dovut għall-fatt li l-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa rispettatt mill-partijiet kollha, jew inkella għall-fatt li l-Parlamenti nazzjonali ma jistgħux jinfurzaw dan il-prinċipju minħabba nuqqas ta' riżorsi; jikkunsidra, li analiżi mill-Kummissjoni Ewropea hija mixtieqa;**

*Emenda*

**4. jilqa' l-fatt li kien hemm ftit** opinjonijiet raġunati tal-Parlamenti nazzjonali **li joġġezzjonaw għall-abbozzi ta' proposti leġiżlattivi abbażi ta' ksur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà;**

Or. en

**Emenda 13**  
**Paulo Rangel**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4**

*Abbozz ta' opinjoni*

**4. Jikkunsidra li huwa xieraq li jkun analizzat jekk in-numru żgħir ta' opinjonijiet formali u raġunati tal-Parlamenti nazzjonali għas-sussidjarjetà ta' miżura, 34 fl-2010, huwiex dovut għall-fatt li l-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa rispettatt mill-partijiet kollha, jew inkella għall-fatt li l-Parlamenti nazzjonali ma jistgħux jinfurzaw dan il-prinċipju minħabba nuqqas ta' riżorsi; jikkunsidra, li analiżi mill-Kummissjoni Ewropea hija mixtieqa;**

*Emenda*

**4. Jinnota li, fl-2010, il-Parlamenti nazzjonali rċevew 211-il opinjoni, iżda li numru żgħir minnhom biss, 34, kienu jitrattaw kwistjonijiet ta' sussidjarjetà;**

Or. pt

**Emenda 14**  
**Evelyn Regner**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4**

*Abbozz ta' opinjoni*

4. jikkunsidra li huwa xieraq li jkun analizzat jekk in-numru żgħir ta' opinjonijiet formali u raġunati tal-Parlamenti nazzjonali għas-sussidjarjetà ta' miżura, 34 fl-2010, huwiex dovut għall-fatt li l-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa rispettatt mill-partijiet kollha, jew inkella għall-fatt li l-Parlamenti nazzjonali ma jistgħux jinfurzaw dan il-prinċipju minħabba nuqqas ta' rizzorsi; **jikkunsidra, li** analiżi mill-Kummissjoni ***Ewropea hija mixtieqa***;

*Emenda*

4. jikkunsidra li huwa xieraq li jkun analizzat jekk in-numru żgħir ta' opinjonijiet formali u raġunati tal-Parlamenti nazzjonali għas-sussidjarjetà ta' miżura, 34 fl-2010, huwiex dovut għall-fatt li l-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa rispettatt mill-partijiet kollha, jew inkella għall-fatt li l-Parlamenti nazzjonali ma jistgħux jinfurzaw dan il-prinċipju minħabba nuqqas ta' rizzorsi; ***jitlob għal*** analiżi mill-Kummissjoni;

Or. en

**Emenda 15**  
**Paulo Rangel**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

***4a. Jinnota bi tħassib li ċerti opinjonijiet mill-Parlamenti nazzjonali jenfasizzaw il-fatt li, f'numru ta' proposti tal-Kummissjoni, il-ġustifikazzjoni tas-sussidjarjetà hi insuffiċjenti jew lanqas biss teżisti;***

*Emenda*

Or. pt

**Emenda 16**  
**Andrew Duff**

**Abbozz ta' opinjoni  
Paragrafu 4a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

***4a. Jinnota, madanakollu, li fit-22 ta' Meju 2012, għall-ewwel darba minn meta daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona, il-Parlamenti nazzjonali bdew iħaddmu l-proċedura ta' "karta safra" billi jadottaw opinjonijiet raġunati kontra l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà tal-provvista ta' servizzi (COM (2012)130);***

Or. en

**Emenda 17  
Evelyn Regner**

**Abbozz ta' opinjoni  
Paragrafu 4a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

***4a. Ifakkar li mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, twissija waħda biss dwar is-sussidjarjetà ('karta safra') mill-Parlamenti Ewropej għal Proposta tal-Kummissjoni (COM(2012)130/3 Regolament tal-Kunsill dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz) laħqet il-limitu meħtieġ u għalhekk, terz tal-Parlamenti nazzjonali, f'perjodu ta' tmien ġimġat; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirrevedi jekk il-perjodu ta' tmien ġimġat u l-limitu meħtieġ humiex xierqa;***

Or. de

**Emenda 18**  
**Paulo Rangel**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4b (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

***4b. Jenfasizza l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet Ewropej jagħmluha possibbli għall-Parlamenti nazzjonali li jeżaminaw il-proposti leġiżlattivi billi jiżguraw li l-Kummissjoni ttipprova bażi dettaljata u komprensiva għad-deċiżjonijiet tagħha dwar sussidjarjetà u proporzjonalità skont l-Artikolu 5 ta' Protokoll Nru 2 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;***

Or. pt

**Emenda 19**  
**Andrew Duff, Alexandra Thein**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4b (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

***4b. jesprimi dispjaċir li l-Kummissjoni ma rrappurtatx sew dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità, b'mod speċjali fir-rigward tal-użu tal-Artikoli 290 u 291 TFUE dwar atti ddelegati u ta' implimentazzjoni; iwissi lill-Kunsill biex ma tħawwadx id-distinzjoni ċara bejn atti ddelegati u atti ta' implimentazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura l-applikazzjoni xierqa ta' dawn iż-żewġ artikoli;***

Or. en

**Emenda 20**  
**Paulo Rangel**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4c (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

**4c. Jinnota wkoll f'dan ir-rigward li l-perjodu attwali li fih il-Parlamenti nazzjonali jagħmlu l-kontrolli fuq is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità spiss ġie kkunsidrat insuffiċjenti;**

Or. pt

**Emenda 21**  
**Andrew Duff**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 6**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

**6. jikkonkludi, mill-każijiet ta' proċedura leġislattiva eżaminati fir-rapport, fejn tqajjem tħassib dwar is-sussidjarjetà, li fil-proċess politiku diffiċli jkun hemm distinzjoni ċara bejn argumenti dwar is-sussidjarjetà u kunsiderazzjonijiet ġenerali ta' adegwatezza u utilità.**

**imħassar**

Or. en

**Emenda 22**  
**Paulo Rangel**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 6**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

**6. Jikkonkludi, mill-każijiet ta' proċedura leġislattiva eżaminati fir-rapport, fejn**

**6. Jenfasizza l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet Ewropej, meta jibagħtu l-valutazzjonijiet**

*taqajjem tħassib dwar is-sussidjarjetà, li fil-proċess politiku diffiċli jkun hemm* distinzjoni ċara bejn argumenti dwar is-sussidjarjetà u kunsiderazzjonijiet ġenerali ta' adegwatezza u utilità.

*u l-opinjonijiet rispettivi tagħhom, safejn huwa possibbli, jagħmlu* distinzjoni ċara bejn argumenti dwar is-sussidjarjetà u kunsiderazzjonijiet ġenerali ta' adegwatezza u utilità fil-proċess politiku.

Or. pt